**21 ta' Frar, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Philip Grima

*versus*

Gaetano Theuma

**Bord tal-Kera — Integrita' tal-Ġjudizzju Art. 206 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Il Qorti awtorizzat il produzzjoni tax-xhieda biex jipprova li l-komproprietarji kienu innominawh amministratur u li kienu jafu li kien sa jisgombra lill inkwilin, u dan bla preġjudizzju tal-kwistjoni legali jekk is-sempliċi kunsens tal-proprietarji l-oħra — bħala distint mill-preżenza tagħhom fil-kawża — kienx biżżejjed għall-integrita' tal-Ġjudizzju.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jirregola l-Kera biex jieħu lura taħt idejh il-ħanut 218 Valley Road, Birkirkara, billi l-intimat issulloka l-ħanut lil ibnu mingħajr il-kunsens tar-rikorrent.

Rat ir-risposta ta' l-intimat.

Rat id-deċiżżjoni ta' dak il-Bord ta' l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru, 1963 li biha laqa' t-talba u ta xahrejn żmien għall-iżgumbrament, bl-ispejjeż wara li kkunsidra:—

*Omissis*

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella minn dik id-deċiżżjoni u talab li tiġi annullata u mħassra għaliex il-ġudiżżju mhux integru u tiġi ordnata l-liberazzjoni tiegħu 'ab observantia', u subordinatament, illi dik id-deċiżżjoni tiġi revokata u t-talba ta' l-appellat tiġi miċħuda bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi għar-raġunijiet imsemmija minnu l-eċċezzjoni tan-nullita tad-deċiżżjoni tal-Bord ma tistax tiġi milqugħa u li fil-meritu dik id-deċiżżjoni hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-tlettax (13) ta' Jannar, 1964 li bih ġew ammessi "in statu et terminis" Filippa Grima u Salvatore Bonnici mingħajr preġudizzju tal-kwistjonijiet fil-meritu ta' kull eċezzjoni ta' l-appellant.

Rat in-nota ta' dawn l-intnervenuti fil-kawża li biha qalu li huma jippossiedu diversi fondi komuni ma l-appellat Philip Grima u kienu nnominawh bħala amministratur ta' dawn il-beni sa minn qabel ma saret din il-kawża. Barra minn dan huma fil-fatt kienu jafu li Philip Grima sa jiżgombra lill-appellant u tawh il-kunsens tagħhom biex jaġixxi ġudizzjarjament.

Ikkunsidrat:—

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Jannar, 1964 Dottor Albert Ganado għall-appellat talab biex jipproduċi provi

tal-fatti imsemmijin fin-nota ta' l-intervenuti fil-kawża hawn fuq imsemmija. Kif jidher mill-verbal ta' dik is-seduta r-raġuni ta' din it-talba kienet illi, għalkemm quddiem il-Bord irriżulta mix-xhieda ta' l-appellat stess illi hu ma kienx l-uniku proprjetarju tal-fond intier, ebda kwistjoni dwar il-kapaċita tiegħu li jagħmel il-kawża ma ġiet sollevata mill-appellant u din il-kwistjoni ġiet sollevata biss fir-rikors ta' l-appell.

L-Avukat Professur Joseph M. Ganado għall-appellant oppona ruħu għall-produzzjoni ta' dawn il-provi għaliex l-appellat kien jaf bil-posizzjoni mill-bidu tal-kawża u għalhekk l-ħin neċessarju biex jintegra l-ġudizzju, u subordinatament għaliex il-kunsens ta' terzi għandu jiġi pruvat direttament bil-produzzjoni tat-terzi stess bħala l-aħjar prova.

Il-Qorti rriżervat li tiddeċiedi dwar dan l-inċident:—

Meta xhed quddiem il-Bord fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar, 1963, l-appellat Philip Grima beda biex qal hekk: "Mill-post in kwistjoni għandi ¾, il-kumplament huwa tal-mama tiegħi u ta' żewġ ħutha u dawn jafu bil-kawża." Il-Qorti taħseb li hu ċar li dak li ried ifisser l-appellat kien illi l-komproprjetarji l-oħra li hu semma kienu konsapevoli bil-kawża li kien istitwixxa u rieduha ssir.

Fuq din il-parti tax-xhieda tiegħu, lill-appellat ma jidher li sarlu ebda kontro-eżami. Di fatti, għalkemm l-eċċezzjoni bil-miktub ta' l-appellant quddiem il-Bord kienet konċepita bil-formula ġenerika tant komuni (u tant insoddisfaċenti!) illi "t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fiddritt kif jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża", ma jidherx mil-proċess illi, fuq il-fatt ta' l-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra jew in-neċessita tal-presenza tagħhom fil-kawża,

l-appellant qanqal ebda kwistjoni sa kemm il-kawża ġiet deċiża mill-Bord. Anqas fid-deċiżżjoni tal-Bord ma hemm ebda aċċenn għal xi kwistjoni simili.

Issa fl-appell, inveċe, l-appellant qiegħed isostni, bħala l-ewwel aggravvju tiegħu kontra d-deċiżżjoni tal-Bord, illi l-appellat waħdu ma setax jistitwixxi proċeduri biex jittermina l-lokazzjoni u jirriprendi pussess tal-fond, mingħajr il-presenza fil-kawża tal-komproprjetarji l-oħra.

L-appellat jikkontesta din is-sottomissjoni. Primierament hu jsostni illi komproprjetarju għandu d-dritt, anke waħdu, jistitwixxi azzjoni simili: fi kwalunkwe każ, però, subordinatament, il-presenza tal-komproprjetarji l-oħra fil-kawża mhix indispensabbli u hu biżżejjed li jirriżulta illi huma taw il-kunsens tagħhom għall-eserċizzju ta' l-azzjoni.

Issa l-oġġett tal-prova li talab biex jagħmel l-appellat, skond il-verbal fuq imsemmi hu appuntu dana li juri illi da parti tal-komproprjetarji l-oħra kien hemm dak il-kunsens, apparti wkoll illi l-appellat kien amministratur tagħhom rigward il-fond in kwistjoni u fondi oħra komuni.

Wieħed mill-każijiet li fihom, skond l-artikolu 206 tal-Kodiċi ta' Procedura Ċivili jistgħu jinġiebu xhieda fl-appell li ma jkunux instemgħu fl-ewwel istanza, hu meta l-Qorti hi ta' fehma illi x-xhieda tagħhom hi neċessarja jew espedjenti, salvo li l-Qorti tista f'każi simili, tieħu konsiderazzjoni tal-produzzjoni tardiva ta' dawn ix-xhieda, fid-deċiżżjoni tagħha dwar l-ispejjeż.

Fiċ-ċirkostanzi fuq delineati l-Qorti jidhrilha li hu espedjenti li jinstemgħu x-xhieda mitluba mill-appellat. Kif

ġa ntqal, il-kwistjoni tan-neċessita tal-presenza tal-komproprjetarji l-oħra jew tal-kunsens tagħhom għall-istituzzjoni ta' l-azzjoni nqalgħet biss f'din l-istanza. Bidu ta' prova ta' l-allegat kunsens ġa kien hemm in prim'istanza, u l-Qorti jidhrilha illi, ġa la darba dik il-prova issa, għall-ewwel darba, qegħda tiġi kwerelata mill-appellant, hu għandu jkollu l-opportunita li jssostniha u jikkorroboraha bi provi oħra. Il-Qorti jidhrilha li dan għandu jkun permess lilu għal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex il-kwistjoni legali tista tiġi diskussa u kunsidrata fuq sfond komplet tal-fatti.

Għandu jingħad biex jiġi evitat kull ekwivoku illi, bl-ammissjoni ta' dawn il-provi, il-Qorti m'hi, u ma trid bl-ebda mod tippreġudika l-kwistjoni legali jekk is-sempliċi kunsens tal-komproprjetarji l-oħra — bħala distint mill-presenza tagħhom bħala parti fil-kawża — hux biżżejjed għall-integrita tal-ġudizzju. Din il-kwistjoni għad trid appuntu tiġi diskussa u kunsidrata wara li jinstemgħu dawk ix-xhieda u tibqa kwindi għal kollox impreġudikata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tirrisolvi l-inċident fuq imsemmi billi tawtorizza lill-appellat li jipproduċi l-provi mitluba fis-seduta ta' tlettax (13) ta' Marzu għal liema ġurnata l-kawża tibqa differita.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għad-deċiżżjoni finali.